# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 437/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Ramon Mercieca)

vs

**Raymond Galea**

iben Joseph, imwieled Zejtun, fil-31 ta' Awwissu, 1965, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 439365(M)

Illum, 9 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Raymond Galea quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-3 ta' Awwissu, 2012 ghal habta tas-7.00p.m. fl-inhawi ta' Delimara limiti ta' Marsaxlokk ikkaccja jew prova jikkaccja, jiehu jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza jew kellu fil-pussess tieghu waqt attivita ta' kacca jew insib xi gass jew xi apparat elettriku jew elettroniku specjalment l-uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar u dan bi ksur ta Reg 7(1)(d), L.S.504.71;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qieghed jonsob jew jikkaccja kellu fil-pussess tieghu bird caller u dan bi ksur tar-Reg 7(2), L.S. 504.71;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qieghed jonsob jew jikkaccja kellu fil-pussess tieghu lixka ta ghasafar protetti u dan bi ksur tar-Reg 7(2) L.S.504.71;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi pprova jiehu xi ghasfur billi uza lixka ta' ghasafar protetti u dan bi ksur ta' Reg 7(1)(i), SLS04.71;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qieghed jonsob jew jikkaccja kellu fil-pussess tieghu u ghamel uzu minn ranja/mist net, jew xbieki u dan bi ksur tar-Reg 7(2), L.S.504.71;

Talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi kkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew prova jiehu xi ghasfur billi wza, kellu fil-pussess tieghu u ghamel uzu minn ranja/mist net jew xbieki u dan bi ksur tar- Reg 7 (1)( e) L.S. 504.06;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta PS1227, fil-fakulta tieghu bhala ufficjal tal-Pulizija, u li huwa persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz bi ksur ta l-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ PS1227, fil-fakulta tieghu bhala ufficjal tal-Pulizija, weggghu b'gesti, b'kitba, b'disinji, bi kliem mhux imfisser car jew b'canfir mhux specifikat inkella bi kliem jew ghemil li jkun biss mhux xieraq jew b'xi mod iehor u dan bi ksur ta’ Artikolu 252(1) u (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta’ Ottubru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 7(1)(d), 7(2), 7(1)(i), 7(1)(e) tal-Avviz Legali 79 tal-2006, L.S. 504.71 u kif ukoll l-

Artikolu 95 u 252(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati ta’ seba’ u tmien akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u kkundannati tlett (3) xhur prigunerija, filwaqt illiberatu mill-akkuzi l-ohra migjuba kontrih.

Rat ir-rikors tal-appellant Raymond Galea tat-18 ta’ Ottubru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel sitt imputazzjonijiet, tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti fejn sabitu hati tas-seba' u t-tmien imputazzjoni u sussidjarjament f'kaz ta' htija, thassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghal piena karcerarja ta' tlett xhur u minflok timponi piena aktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

a. Illi bid-dovut rispett, l-esponenti jissottometti illi ma kienx hemm provi bizzejjed dwar il-fatti li taghhom instab hati u l-unika prova li ngabet kien ir-rapport tal-pulizija koncernat.

b. Illi bir-rispett kollu jekk se mai kien hemm xi tip ta' ngurja, u kif ser jigi sottomess waqt it-trattazzjoni ta' dan l-umli appell, l-ingurja kienet tinkwadra ruhha f'dak illi jipprovdi l-Artikolu 252(2) tal-Kapitolu 9 u mhux l-ingurja gravi kontemplata fl-Artikolu 252(1).

c. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-piena karcerarja kienet wahda eccessiva.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu kaz sommarju u ghalhekk din il-Qorti kellha jisma mill-gdid il-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti.

Illi fit-3 ta' Awwissu, 2012 membri tal-Birdlife ghamlu rapport lill-pulizija li fil-fehma taghhom kien qed isir insib illegali. Il-pulizija marru fuq il-post izda ma sabu ebda xbieki ghajr ghall-'bird caller' li kien qed jahdem u jsejjah ghall-ghasafar. Il-persuni li kienu fuq il-post qalu lill-pulizija li kienu qed jistennew l-ghasafar gejjin biex johdluhom ir-ritratti. Is-surgent li mar fuq il-post talab li jinghata dan il-'bird caller' izda hadd ma ried jikkonsenjah.

Illi fost dawn in-nies kien hemm l-appellant.

Illi skont ix-xiehda ta' PS1227 Malcolm Pace, l-appellant beda jimbuttah, ikellmu hazin u joffendih u jheddu biex jitlaq 'l barra mill-proprjeta' tieghu.

Illi min-naha tieghu l-appellant xehed li s-surgent beda ighajjat u hu beda jghajjat ukoll.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-versjoni tas-surgent Pace hi versjoni aktar kredibbli u din il-Qorti temmen li dik il-versjoni hi l-iktar wahda veritjera.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-appellant gie liberat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu. Dwar l-ahhar zewg akkuzi tichad l-appell ta' Raymond Galea fil-meritu u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena. Tilqa l-appell ta' Raymond Galea. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn l-appellant gie kkundannat ghal piena ta' tlett xhur prigunerija effettiva u minflok tikkundannah ghal piena ta' tlett xhur prigunerija izda wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali tordna li tali piena ma ghandha sehh hlief jekk il-hati jikkometti reat iehor li ghalih hemm il-piena tal-prigunerija fi zmien sentejn (2) mil-lum.